Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Numru 338/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**JEFFREY AGIUS**

## Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jeffrey Agius bin Domenic u Carmen nee’ Bowerman, mwieled 28 ta’ April 1963 Birkirkara, residenti Sylvana, Triq il- Klarissi, San Giljan u detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 257463M ;

Talli f’ dawn il- Gzejjer f’ diversi lokalitajiet bejn il- 11 ta’ Marzu 2012 u s- 26 ta’ Marzu 2012, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta’ pjanci tal- istainless steel minn

diversi bus shelters ghal ammont totali ta' aktar minn €2,330 ghad- detriment tal- kumpanija Face Displays LTD, u dan aggravat bil- hin, mezz, lok u valur;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-"bus shelters" f'Malta qeghdin jigu rinnovati u mmodernizzati, kif wiehed jista' jara b'ghajnejh. L-imputat mhux biss ra b'ghajnejh, izda qabad u beda jisraq bicciet ta' pjanci tal-hadid li kienu jiffurmaw parti mill-istess "shelter", u jbieghu bhala "scrap". Dan kollu huwa indikat fl-istqarrija tieghu esebita fl-atti. Il-kwantita' ta' hadid li huseraq fuq medda ta' zmien huja wahda konsiderevoli, ammontanti ghal madwar ghoxrin elf Ewro f'valur ta' pjanci.

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati u ghalhekk tista' tghaddi biex minnufih taghti s-sentenza. Kwantu ghall-piena, il-Qorti giet infurmata li parti mir-res furtiva giet irkuprata, u l-Pulizija qeghda fi stadju li tipprova tirkupra aktar minn dak il-

materjal misruq. Parti instabet fil-pussess tieghu, u parti tista' tkun qeghda gewwa "container" lest biex jittiehed barra minn Malta. Jidher li dan is-serq hu kollu frott ta' dipendenza fuq id-droga li l-imputat ma rnexxielux jikkontrolla. Jidher ukoll li l-fedina penali tieghu mhix wahda refrettarja, u ghalhekk jista' jaghti lok li l-imputat jinghata opportunita' ta' darba biex ibiddel id-direzzjoni ta' hajtu. Il-gustizzja ma tridx biss ir-retribuzzjoni u l-piena li ggib maghha, izda trid ukoll ir-riparazzjoni u r-reintegrazzjoni ta' persuni fis-socjeta'.

Madankollu, ir-reat li tieghu gie akkuzat hu wiehed ta' gravita' u ta' certa portata, li bl-applikazzjoni tal-addebitu tar-reat kontinwat, izid il-piena bi grad jew tnejn. Il-piena li ghandha tinghata f'dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ghandha tkun wahda ta' prigunerija, izda din tista' tkun mizmuma milli tidhol fis-sehh, biex l-imputat jinghata aktar ghinuna f'dan l-istadju. Ghalhekk, il-Qorti sejra taghti l-massimu possibbli tal-piena ta' sentenza sospiza, flimkien, ma' ordni ta' supervizjoni ghat-terminu massimu possibbli fil-ligi. Din hi l-unika opportunita' li jista' jkollu l-imputat. Jekk jitlef din l-opportunita', ikollu jservi l-piena b'mod effettiv.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 269, 270 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati w ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------